MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 229/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Nikolina Ismeria Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Nikolina Ismeria Vella [detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 183979 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta’ Mejju 2012, Gunju 2012 u minn Awwissu 2012 sa  Novembru 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqset li taghti lil Jeffrey Abela u/jew lil uliedha s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalih u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Mejju, 2013, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja u ghaldaqstant ikkundannataha xahar prigunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Mejju, 2013, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, fejn sabitha hatja ta' l-unika imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha, u minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

L-appellanti umilment tirrileva illi, bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt legalment u ragonevolment issibha hatja a bazi tal-provi prodotti quddiemha, u konsegwentement, tilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Filfatt, dan huwa l-uniku agggravju, illi fuqu huwa bbazat dan l-appell.

Ix-xhud principali f'dawn il-proceduri, Jeffrey Abela, l-parti leza, ddepona quddiem l-Ewwel Qorti, u ghalkemm b'hafna tlaqlieq, ammetta illi kien hu stess illi issugerixxa li jekk l-access ikun wiehed fuq bazi ta' gimgha, alternattivament, sabiex il-hin jinqasam b'mod ugwali bejntiethom t-tnejn, allura hu kien lest illi jirrizunzja ghad-dritt ta' manteniment spettanti lilu ghal uliedu.

Fix-xhur mertu tal-proceduri odjerni, iz-zmien illi l-minuri qattghu ma' l-omm, qattghu mal-missier, mhux talli, anzi jigi umilment sottomess illi l-appellanti zammet lil minuri maghha, hafna aktar minn kemm zammhom zewgha.

L-appellanti wkoll telghet tixhed, u spjegat illi ghax-xhur mertu tal-kawza odjerna, hija kienet zammet lil uliedha

maghha, aktar minn zewgha. Hija spjegat illi la darba missier uliedha dejjem insista illi f'kaz illi l-access jinqasam b'mod ugwali, allura huwa kien dispost illi jirrinunzja ghal manteniment ta' uliedu, hija fehmet illi la darba ghal dawn ix-xhur hija kienet sahansitra zammiehtom aktar minn zewgha, allura ma kellha tivversa ebda manteniment. Zewgha ma kienx talabhomla, allura aktar u aktar fehmet illi tali flus ma kelliex ghalfejn taghtiehomlu.

Jidher illi l-Ewwel Qorti skartat din ix-xhieda, u naqset milli tanalizza c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Jigi umilment sottomess illi ghalkemm huwa minnu illi l-ligi hija cara f'dan ir-rigward, ebda Qorti ma tista tiskarta c-cirkostanzi ta' kull kaz.

Dan peress illi l-Qorti trid tifhem ukoll ic-cirkostanzi ta' l-appeilanti, liema rrizultaw ampjament mill-provi prodotti, illi mhux talli qed izomm lil uliedha aktar minn zewgha, talli ghal hin li jkunu maghha hija ma tircievi ebda forma ta' ghajnuna. Inoltre, sabiex l-appellanti tqatta dak il-hin kollu ma uliedha, hija jkollha bilfors tnaqqas mill-hinijiet tax-xoghol taghha, fi kliem iehor, tnaqqas konsiderevolment id-dhul taghha.

F'dawn ic-cirkostanzi, kif setghet 1-Ewwel Qorti ssib htija, u tikkundanna lil l-appellanti ghal piena karcerarja?

Wiehed jista jargumenta illi 1lappellanti setghet almenu tintavola rikors sabiex tigi koncessa l-fakolta illi ma tivversax manteniment ghal dawn ix-xhur, jew li almenu l-ammont jigi ridott, pero fil-prattika dan ma kienx possibli, l-aktar fid-dawl tal-fatt illi minhabba l-volum qawwi ta' xoghol, u specjalment ta' rikors ntavolati fir-Registru tal-Qorti tal-Familja, wiehed idum sabiex jinghata Digriet.

Nonostante cioe, l-appellanti hadet l-passi legali sabiex tittenta titlob Iil l-Onorabbli Qorti tal-familja sabiex l-ammont ta' manteniment Ii hija obbligata tivversa, jigi ridott, pero l-Qorti tal-Familja dejjem astjieniet milli taghmel dan, u irreferiet lil partijiet ghal medjazzjoni. Filfatt, l-appellanti intavolat il-proceduri diversi drabi, pero

qatt ma ntlahaq ftehim. Ovvjament huwa konvenjenti ghal parti leza illi ma tilhaqx ftehim!

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju ta' l-appellanti jirrigwardja dik illi hija piena, stante illi jigi umilment sottomes illi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet timponi piena hafna aktar ekwa u gusta, minn piena karcerarja, la darba ma kienx hemm l-addebitu tar-recidiva. F'dawn ic-cirkostanzi, fejn it-tfal ma gew suggetti ghal
ebda nuqqas attribwibbli ghal l-appellanti allura ma kelliex tigi mposta piena karcerarja. Inoltre, wiehed ma jistax jiskarta l'fatt illi l-appelianti ezercitat hin t'access ma uliedha, aktar milli ezercita zewgha, u ta' dan hija ma tircievi ebda forma ta' ghajnuna, apparti l'fatt illi kif diga gie spjegat aktar ' il fuq hija naqset mid-dhul taghha sabiex tiddedika aktar hin ma' uliedha.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Rat l-affidavit ta' PS 539 F.Caruana li minnu jidher li Jeffrey Abela kien irraporta li l-mara tiegħu Ismelia Vella kienet naqset li ttih il-manteniment ta' 400 Ewro għall-Mejju u Ġunju 2012 ( u f'dawn l-affidavit jissemma Lulju 2012 ukoll). L-appellanti kienet qalet li ma kinitx tat il-flus għaliex ma kellhiex minn fejn tħallas il-manteniment.

Rat ukoll l-affidavit ta' PS 1125 Alfredo Mangion li minnu jirriżulta li Jeffrey Abela ma kienx irċieva l-ammont ta' €400 fix-xahar dovut bħala manteniment minn għand martu għal uliedu għax-xhur ta' Awwissu, Settembru, Ottubru u Novembru, 2012.

Li waqt is-smigħ tal-appell l-appellanti ħallset lil Geoffrey Abela s-somma ta' 400 Euro. Għalhekk jibqa' bilanċ ta' 2000. (ara fol 24).

Semgħet lill-appellant bil-ġurament. Dan xehed li quddiem il-Maġistrat huwa kien qal li ma kienx qed jidħol il-manteniment dovut. Kien hemm ċertu xhur li kien qed jitħallas nofshom imma mbagħad inqata' għal kollox. Huwa kien qed jirreferi għas-sitt xhur indikati fiċ-ċitazzjoni – Mejju u Ġunju 2012; Awwissu, Settembru, Ottubru, Novembru – kollha tas-sena

2012. Xehed ukoll li fil-jum ta' qabel għamlet kuntatt l-ex-mara tiegħu biex jippruvaw jilħqu kompromess.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien jitkellem mal-mara fuq affarijiet fejn għandhom x'jaqsmu s-saħħa u l-edukazzjoni tat-tfal biss. **Fil-preżent il-manteniment kien qed jidħol.**

Ikkonsidrat

Id-difiża ssottomettiet li l-Qorti tal-Maġistrati ma kenitx għamlet apprezzament tal-provi sew. Din il-Qorti ma taqbilx. M'hemm ebda dubju li l-ammont ta' manteniment kien dovut u ma nġiebet ebda prova mid-difiża li l-Qorti Ċivili (sezzjoni familja) kienet tat xi digriet differenti. Sakemm ma jkunx hemm bdil fit-tali digriet, dan jibqa' jorbot u l-manteniment irid jiqba' jingħata fl-ammont indikat fid-digriet li tkun tat il-Qorti. Din il-Qorti ma tista' tikkonsidra ebda sottomissjonijiet oħra.

Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ġabet provi biżżejjed li l-manteniment għax-xhur indikati fiċ-ċitazzjoni ma kienx tħallas fiż-żmien prospettat mil-Liġi..

Innotat ukoll li seduta stante tħallsu 400 Ewro akkont tal-bilanċ u baqa' ammont ta' €2000 x'jingħataw.

Illi fis-seduta ta' llum is- Sur Jeffrey Abela xehed li sar ftehim quddiem nutar dwar kif ghandu jithallas il-manteniment pendenti kollu.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti mhix ser tilqa' l-appell biex titħassar is-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-6 ta' Mejju 2013 imma ser tirriforma s-sentenza billi waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha qed tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannata xahar priġunerija u minflok qed tikkundannaha tħallas ammenda komplessiva ta' €300.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------